# PLAYERS STRANGIERI MAL-MELLIEHA

**MINN SUNNY ABELA**

**BILL-KOLLABORAZZJONI TAL-KOWC DENNIS FENECH**

IL-holma li xi darba jkollna player strangier fit-tim Melliehi saret realta' nhar il-25 ta' Novembru 1989, meta il-Kumitat irnexxielu jgib Malta player Ungeriz biex jinghaqad maghna. Dak iz-zmien konna fit-tieni divizjoni u l-ghan taghna kien, li nzommu postna f'din id-divizjoni, wara l-promozzjoni li konna ksibna is-sena ta' qabel. Il-wasla ta' dan il-player qajmet interess kbir u s-supporters taghna kellhom kurzita' kbira biex jarawh jilghab, u l– ispettaturi ghat-training zdiedu konsiderevolment. Is-sena ta' wara zidna Ungeriz iehor u b'zewg players strangieri fit-tim bqajna telghin Premier. Sena wara gejna relegati ghall-1st. Div., u sakemm kien permess mill-M.F.A., bqajna bi tnejn. Inbidlu r-regolamenti u kellna innaqqsu wiehed, sakemm gejna relegati fl-istagun 1998/99, ghas-2nd. Div., fejn ma nistghux nuzaw players strangieri. B'kollox kellna 9 strangieri; 4 Ungerizi, 3 Albanizi u 2 Libjani. Ta' min jghid li l-players Ungerizi u zewg players Albanizi ingiebu minn pajjizhom mill-Kumitat Melliehi bl-ghajnuna ta' supporters ohra Mellehin u iddebuttaw hawn Malta mal-Mellieha. Iz-zewg Albanizi baqghu hawn jilghabu ma' timijiet ohra u anke komplew bhala coaches.

**ATTILA SZONYE** : Bla dubju l-ewwel player strangier li gibna, kien ukoll l-ahjar wiehed u l-aktar wiehed li dam mal-klabb. Kien meqjus ukoll bhala wiehed mill-ahjar li kien hawn Malta dak iz-zmien u kien tassew difficli ghall-Kumitat Melliehi, biex jikkonvincuh jibqa maghna min-habba l-interess li wrew fih diversi clubs tal-Premier. Kien attakkant veloci, teknikament tajjeb u kien jiskorja goals tassew sbieh li hafna minn-hom baqghu memorabbli specjalment dak li skorja kontra Sliema fil-Premier meta qabez zewg difensuri u venven xutt tremend minn barra l-kaxxa il-kbira, biex ta' lil- Mellieha rebha storika, li biha tlajna temporanjament fit-tieni post. Sfortunatament Attila kien wegga serjament waqt li kien qieghed jaghmel Water-Skiing u minn hemm il-quddiem qatt ma rega gie f'sikktu. In-nuqqas tieghu inhass sew u hadna daqqa ta' harta kbira ghaliex l-ebda strangier iehor ma lahaq il-livell tieghu. Madwar tliet snin wara li mar lura l-Ungerija, reggha gie jipprova jinghaqad maghna, pero' ma zammejnihx ghaliex fizikament kien mar lura hafna.

**KARL BELA** : It-tieni strangier li gibna kien player iehor ta' klassi kbira ghal Malta. Kellu saqajh, tal-genn u kien iharbat lil kulhadd mal-linja. Kien jifforma koppja stupenda ma' Attila u kien strumentali biex akkwistajna l-promozzjoni ghall-Premier. Kien taghna hasda kbira meta wara li tlajna Premier qalilna li ried imur lura l-Ungerija u qatt ma rnexxielna nsibu sostitut tieghu f'dik il-posizzjoni u tat-talent tieghu. Kien bniedem kwiet hafna u l-passatemp tieghu kien il-qari.

**SANDOR VARGA** : Dan il-player Ungeriz ingieb minn Attila meta konna Premier izda aktarx ghax kien habib tieghu milli ghax kien player tajjeb. Wara li gie eskluz mit-tim, kellu hafna ink-wiet mal-kumitat u l-kowc Dennis Fenech u wara tliet xhur intbaghat lura lejn l-Ungerija.

**SZOLT KATONA** : Ungeriz iehor li ngieb biex jiehu post Varga fil-Premier. Kien player tajjeb u eleganti hafna izda ta' karattru difficli u ftit sup-perv. Deherlu li kien mitluf maghna u infatti meta spicca minn maghna mar jipprova ma' Sliema izda ma tantx dam. Maghna kien skorja gmiel ta' gowl kontra Birkirkara.

**Tkompli pagna 8**